**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tat-18 ta' Mejju, 2018**

**Talba numru: 413/2017 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 14**

**Alfons Schwarte**

**143, Fleur de Lys Road,**

**Birkirkara**

**Vs**

**Christian Heinermann**

**Penthouse 97, Alimatta Apartments,**

**Triq il-Wied**

**Mosta**

**SENTENZA PRELIMINARI**

It-Tribunal

Preliminarjament jirrileva li din hija sentenza dwar l-eccezzjoni premilimari imressqa mill-konvenut dwar in-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal f'din il-kawza.

Ra l-Avviz tat-Talba tal-attur pprezentat fl-01 ta' Settembru, 2017 li permezz tieghu l-attur qed jitlob minghand il-konvenut is-somma ta' seba' mitt ewro (€700) mislufa minnu lilu fil-bidu tas-sena 2017 ghal bzonnijiet personali tieghu u fuq talba tal-istess konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa li huwa mhux domicljat hawn Malta u konsegwentement l-azzjoni proposta mill-attur ma ghandhiex tigi investigata minn dan it-Tribunal u dan stante nuqqas ta' gurisdizzjoni rikjesta mid-dettami tar-Regolament tal-Kunsill (KE) nru 44/2001 tat-22 ta' Dicembru, 2000 dwar gurisdizzjoni u ezekuzzjoni ta' sentenzi f'materji civili u kummercjali; li minghajr pregudizzju ghal dak espost fil-premess, t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bi spejjez kontra l-istess attur in kwantu infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-proceduri f'kaz li t-Tribunal jichad l-ewwel eccezzjoni; salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-verbal a fol 10 tal-process li permezz tieghu t-Tribunal ta xahar zmien mis-17 ta' Novembru, 2017 sabiex il-partijiet jaghmlu n-nota ta' sottomissjonijiet taghhom.

Ra n-noti ta' sottimissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidra

Id-disposizzjonijiet li huma relevanti ghal konsiderazzjoni ta' din l-eccezzjoni huma l-Artikolu 741 u 742 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u senjatament l-Artikolu 742(1)(d) li jghid li l-Qrati Civili ta' Malta ghandhom gurisdizzjoni biex jisimghu u jiddeciedu l-kawzi kollha li jirrigwardaw kull persuna li tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'Malta izda ghal kawzi biss li ghandhom x'jaqsmu ma' dik l-obbligazzjoni u kemm-il darba dik il-persuna tkun tinsab Malta.

Illi mill-atti jirrizulta li t-talba imressqa mill-attur hija dwar allegat self li sar f'Malta u li l-konvenut gie notifikat bl-Avviz tat-Talba f'Malta u sahansitra kkontesta t-talba f'Malta

u li ghalhekk dan it-Tribunal ai termini tal-istess Artikolu 742 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta qed jiddeciedi li ghandu gurisidzzjoni li jisma din l-kawza. Issa jekk il-konvenut ghandux ragun meta jghid li ma ssellef xejn minghand l-attur dik hija kwistjoni dwar il-mertu u tigi kunsidrata minn dan it-Tribunal meta jasal biex jiddeciedi dwar it-talba tal-attur.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jichad l-eccezzjoni tal-konvenut dwar in-nuqqas ta' kompetenza u jordna l-prosegwiment tal-kawza.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**